**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **139/22 AD**

**MMH MALTA LIMITED (C28154)**

**vs**

**DC LOGISTICS LIMITED (C77907)**

**Seduta ta' nhar It-Tlieta, 17 ta' Mejju 2022**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali wara talba għal dikjarazzjoni illi is-socjeta' intimata hija debitrici tas-soċjeta' rikorrenti fis-somma ta' mitejn u tnejn u tletin elf, erba' mija u tmien Euro u tlieta u erbgħin Euro centeżmi (€232,408.43) rapprezentantanti numru ta' servizzi ta' manutenzjoni u tiswija resi fuq id-dghajsa "MV Larobon", u ordni sabiex jitħallas l-istess ammont dovut mis-socjeta' intimata lis-soċjeta' rikorrenti, liema talba saret permezz ta' rikors tas-soċjeta' MMH Malta Limited preżentat fit-tmintax (18) ta' Frar 2022 ai termini tal-Artikoli 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat nhar it-tmintax (18) ta' Frar 2022, Paul J Abela, fil-kwalita' tieghu bhala Direttur u in rappreżentanza tas-soċjeta' MMH Malta Ltd, ikkonferma bil-ġurament tiegħu is-segwenti:

a. Illi s-soċjetá rikorrenti topera l-faċilitá marittima magħrufa bħala il-Mediterranean Maritime Hub, fil-Port il-Kbir, il-Marsa, minn fejn toffri servizzi marittimi lill-opri tal-baħar li jinkludu l-irmiġġ, il-manutenzjoni, it-tiswija u t-tlugħ mill-baħar tal-opri tal-baħar, u sussegwentement l-inżul tagħhom lura fil-baħar.

b. Illi lejn l-aħħar tas-sena 2020, is-socjeta' rikorrenti ġiet avviċinata mis-Sur Dylan Azzopardi, illi kien qed jaġixxi għan-nom tas-soċjetà intimata, u li hija s-sid tad-dgħajsa "MV Larobon" li hija rreġistrata taħt il-bandiera Maltija u talabha tipprovdi numru ta' servizzi fuq din id-dgħajsa, bħalma jirriżulta mill-invoices eżebiti bħala Dok. **MMH.2** sa' Dok. **MMH.19**, li essenzjalment kienu jikkonsistu f'servizzi ta' manutenzjoni u tiswija. Is-servizzi ngħataw fl-intier tagħhom u bil-kwalità mistennija f'din is-sengħa – u fil-fatt is-soċjetà konvenuta qatt ma lmentat mas-socjeta' rikorrenti dwar il-kwalità tas-servizzi provduti jew xi mankanza oħra.

c. Illi qabel ma nbdew ix-xogħolijiet in kwistjoni, is-Sur Clint La Rosa, fil-kapaċità tiegħu ta' direttur uniku tas-soċjetà intimata ffirma l-kuntratt anness mar-rikors guramentat u mmarkat bħala Dok. **MMH.20**

d. Illi interpellata tħallas permezz ta' serje ta' emails (Dok. **MMH.21**) u ta' ittra bonarja datata 10 ta' Ġunju, 2021 (Dok. **MMH.22**) is-soċjetá intimata baqgħet inadempjenti u qatt ma tat ġustifikazzjoni valida il-għalfejn ma għandhiex tħallas l-ammonti dovuti minnha;

e. Illi sal-lum is-somma dovuta mis-soċjetà intimata lis-soċjetà rikorrenti hija ta' mitejn u tnejn u tletin elf, erba' mija u tmien Euro u tlieta u erbgħin

Eurocenteżmi (€232,408.43), hekk kif jirriżulta mill-prospett anness u mmarkat Dok. **MMH.1**;

f. Illi d-debitu tas-soċjetá intimata huwa ċert, likwidu u dovut, u fil-fehma ta' l-esponenti is-soċjetá intimata m'għandhiex eċċezzjonijiet x'tagħti għat-talba rikorrenti;

g. Illi għaldaqstant jeżistu ċ-ċirkostanzi kollha sabiex dina l-kawża tinstema' bid-dispensa mis-smiegħ, ai termini ta' l-Art. 167 et seq tal-Kap. 122 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Għaldaqstant, is-soċjeta' rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex:

(i) Tilqa' t-talba tas-soċjetá rikorrenti bid-dispensa tas-smiegħ ai termini ta' l-Art. 167 et seq tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

(ii) Tiddikjara illi s-soċjetá intimata hija debitriċi tas-soċjetá rikorrenti fis-somma ta' mitejn u tnejn u tletin elf, erba' mija u tmien Euro u tlieta u erbgħin Euro centeżmi (€232,408.43) dovuta għar-raġunijiet suspjegati;

(iii) Tikkundanna lis-soċjetá intimata sabiex tħallas lis-soċjetá rikorrenti is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin elf, erba' mija u tmien Euro u tlieta u erbgħin Euro centeżmi (€232,408.43), u dan oltre l-imgħaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess somma mid-data ta' kull invoice, sad-data tal-pagament effettiv a tenur ta' l-Art. 1141(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Bl-ispejjeż, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors mahluf, kontra s-socjeta' intimata li hija minn issa stess ingunta ghas-subizzjoni.

**Il-Qorti**

4. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta' rikorrenti MMH Malta Limited datat tmintax (18) ta' Frar 2022;

5. Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mal-istess rikors, u cioe statement tal-ammonti kollha dovuti mis-socjtea' intimata (**Dok MMH.1**), kopja ta' kull invoice maħruġa mis-soċjetá rikorrenti lis-soċjetá intimata sal-lum, u mhux imħallsa (**Dok. MMH.2 sa' Dok. MMH.19**), kopja ta' kuntratt ffirmat bejn il-partijiet (**Dok. MMH.20**), serje ta' emails skambjati bejn is-soċjetá rikorrenti u s-Sur Clint La Rosa, direttur tas-soċjetá intimata (**Dok. MMH.21**) u kopja ta' ittra legali datata 10 ta' Ġunju, 2021 mibgħuta lis-soċjetá intimata (**Dok. MMH.22**).

6. Reġgħet rat id-digriet tagħha stess tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar 2022 illi permezz tiegħu appuntat il-kawża għas-seduta tal-Hamis sbatax (17) ta' Marzu 2022, b'ordni lis-socjeta' intimata sabiex tidher f'dik il-ġurnata u twieġeb għat-talba tas-soċjeta' rikorrenti u, li fin-nuqqas, il-Qorti tgħaddi sabiex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti;

7. Rat illi fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2022, il-Qorti halliet il-kawza ghan-notifika tas-socjeta' intimata bil-purtier u wara l-hin legali ghat-12 ta' April 2022 u rat ukoll illi fis-seduta tat-12 ta' April 2022 il-kawza regghet giet differita ghan-notifika tas-socjeta' konvenuta ghat-3 ta' Mejju 2022

8. Rat illi s-socjeta' intimata giet notifikata bir-rikors guramentat, bid-digriet tal-appuntament tal-kawza u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza fid-disgha u ghoxrin (29) ta' April 2022 fejn thalliet kopja tal-istess f'idejn Marco La Rosa u dan skond kif jirrizulta mir-riferta tal-Marixall Charles Cassar a fol. 56 tergo tal-atti.

9. Rat illi fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2022 ma deher hadd u ghalhekk il-kawza thalliet ghas-17 ta' Mejju 2022

10. Rat illi fis-seduta tas-17 ta’ Mejju 2022 is-socjeta’ konvenuta msejha diversi drabi ma dehritx.

11. Rat l-Artikolu 170(1) tal-Kap 12;

12. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

13. Fl-ewwel lok, f’dak illi jirrigwarda l-**ewwel talba** tas-soċjeta’ attriċi, il-Qorti tinnota illi kien minħabba illi s-socjeta’ intimata kienet għadha ma ġietx notifikata bir-rikors ġuramentat illi ma ngħatatx sentenza waqt is-seduta tas-17 ta’ Marzu 2022. In oltre, lanqas kien għadu ġie notifikat sas-seduta tat-12 ta’ April 2022, u kien għalhekk illi l-Qorti kellha tiddiferixxi l-kawża għal darb’oħra.

14. Fl-ewwel lok, in konsiderazzjoni tan-nuqqas ta’ kontestazzjoni da parti tas-socjeta’ konvenuta sabiex il-kawża tinstema’ bid-dispensa tas-smiegħ, il-Qorti tqis illi l-ewwel talba tar-rikorrenti għandha tintlaqa’;

15. Fit-tieni lok, il-Qorti tqis illi jista’ jitqies sodisfaċentement pruvat il-fatt illi s-socjeta’ intimata hija debitrici tas-socjeta’ attrici fis-somma ta’ mitejn u tnejn u tletin elf, erba’ mija u tmien Euro u tlieta u erbgħin Euro centeżmi (€232,408.43) rapprezentantanti numru ta’ servizzi ta’ manutenzjoni u tiswija resi fuq id-ghajsa “MV Larobon” tas-socjeta’ intimata.

16. Il-Qorti tqis ukoll illi jista’ jitqies sodisfaċentement pruvat il-fatt illi s-socjeta’ konvenuta naqset milli tħallas lis-socjeta’ attriċi l-istess ammont u dan skont dak indikat u konfermat bil-ġurament minn Paul J. Abela in raprezentnaza tas-socjeta’ attricill-attriċi liema fatt <u>ma ġiex kontestat mis-socjeta’ konvenuta minkejja illi ngħatat minn din il-Qorti l-possibilta’ kollha mogħtija lilu mil-liġi sabiex tagħmel dan</u>;

17. In vista ta’ dak kollu suespost, din il-Qorti tikkonkludi illi t-talba tas-socjeta’ rikorrenti għall-ħlas tal-ammont indikat aktar il-fuq ghall-servizzji rezi lilha mis-socjeta’ attrici fuq id-dghajsa ‘MV Larsbon’ hija ġustifikata stante illi tirriżulta pruvata;

18. F’dak illi jirrigwarda t-talba tal-attriċi għall-ħlas tal-imgħaxijiet legali, il-Qorti tinnota illi l-Artikolu 1141 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta jistabbilixxi illi:

> *(1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta’ xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.*
>
> *(2) F’kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b’att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.*

19. Il-każ odjern si tratta dwar ħlas ta’ servizzji rezi u ghalhekk ta’ obligazzjoni ta’ natura kummercjali u jinkwadra ruħu fis-sub-inċiż (1) suċitat.

**Decide**

20. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeċiedi billi:

(i) **<u>Tilqa</u>’** l-ewwel talba attriċi, u, konsegwentement,

(ii) **<u>Tilqa</u>’** t-tieni talba tas-soċjeta’ attriċi u tiddikjara illi s-socjeta’ konvenuta hija debitrici tas-socjeta’ attrici fis-somma ta’ mitejn u tnejn u tletin elf, erba’ mija u tmien Euro u tlieta u erbgħin Euro centeżmi (€232,408.43) rapprezentantanti numru ta’ servizzi ta’

manutenzjoni u tiswija resi fuq id-ghajsa "MV Larobon" tas-socjeta' intimata;

(iii) **Tordna** lis-socjeta' konvenuta tħallas lis-soċjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin elf, erba' mija u tmien Euro u tlieta u erbgħin Euro centeżmi (€232,408.43), bl-imgħaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess somma mid-data ta' kull invoice sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment mar-rikors guramentat a karigu tas-socjeta' intimata DC Logistics Limited.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Reġistratur**